**FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI**
*Foundation for Educational Services*

## Workshop Numru 12

**Josephine V. Saliba**
**Il-Ġimgħa u s-Sibt**
**Lingwa: Ingliż**

# *Kif tiġġenera u tislet l-ideat sabiex toħloq siltiet ta' kitba differenti*
# *It-Tagħlim tal-Kitba bl-Ingliż fis-snin aħħarija tal-Primarja*

## Deskrizzjoni tal-Workshop

Din il-preżentazzjoni tiffoka fuq l-ewwel pass tal-Proċess tal-Kitba: il-Preparazzjoni għall-kitba. Se jiġu diskussi diversi metodi ta' kif l-għalliema jistgħu jħejju u jħajru lill-istudenti jkunu kreattivi u jiżviluppaw ideat għall-kitbiet tagħhom. L-għalliema se jiddiskutu u jesperjenzaw kif tinħoloq l-idea u kif eventwalment tista' tiġi msawra f'kitba. Se jkunu suġġeriti strateġiji differenti ta' kif l-istudenti jistgħu jużaw l-istess idea sabiex joħolqu siltiet ta' kitba ta' ġeneri differenti f'suġġetti varji li jinsabu fil-kurrikulu. Il-parteċipanti se jkunu jistgħu jieħdu sehem f'attivitajiet kreattivi u edukattivi maħluqa skond il-kunċetti tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali. Se jkun hemm ħin għal diskussjoni u qsim ta' ideat. Fuq kollox, il-materjal ippreżentat se jkun riżorsa għal dawk l-għalliema li jixtiequ jagħtu l-ħajja lill-kitbiet ta' l-istudenti tagħhom.

## Nota Bijografika

**Josephine V. Saliba** B.A. P.G.C.E. (Storja) iggradwat fil-qasam tat-tagħlim fis-Sekondarja. Għandha esperjenza fit-tagħlim fil-livell tal-Primarja, TEFL u fil-Ħiliet Bażiċi (fil-lingwa Ingliża). Għamlet tliet snin taħdem fil-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi. Bħala Ko-ordinatriċi tal-Programm, ħadmet ma' tfal ta' ħiliet differenti. Kienet involuta fit-twaqqif ta' programmi ta' litteriżmu wara l-ħin ta' l-iskola kif ukoll ta' Klabb Kittieba Żgħar, klabb ta' kitba kreattiva għal tfal u ġenituri. L-interess partikolari tagħha hu l-użu tan-narrazzjoni, drama u l-I.T. fit-tagħlim. Hija kienet ukoll involuta fil-kitba u produzzjoni ta' diversi programmi edukattivi fuq it-televiżjoni u r-radju. Fl-2001 ipparteċipat fl-ewwel 'Writing Workshop' u minn dak iż-żmien ġew ippublikati il-poeżiji tagħha fl-"International Library of Poetry" l-Istati Uniti. F'Lulju ta' l-2002 temmet b'suċċess l-livell avvanzat tar- "Writing Workshop". Attwalment hi taħdem bħala lekċerer tal- Ħiliet Bażiċi fil-Kulleġġ ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija filwaqt li qed tkompli l-istudji tagħha sabiex tikseb "MSc in Educational Leadership" mill-Universita' ta' Leicester fir-Renju Unit.